MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Numru. 1289/2008

**IL-PULIZIJA**

**(Supt Paul Vassallo)**

**Vs**

**VICTOR SULTANA**

**Kump.Nru. 1289/2008**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Victor Sultana**, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 718761(M), gie akkuzat talli f'dawn il-Gżejjer, fl-***1 ta' Settembru 2006***, u fix-xhur ta' qabel, b' diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-ligi, u li gew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, liema qligħ huwa ta' aktar minn €2,329.40c (Lm1,000).

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tapplika d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 23(A) (2) tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tas-17 ta` Mejju 2010 (ara *folio* 71) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 72);

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess 21 ta` April 2015 fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tatu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrijiet tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni kif migjuba giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali nettissima ta` l-imputat (ara folio 2);
b. l-ammissjoni ta` Victor Sultana (sahansitra ammetta c-cirkostanzi tal-kaz fl-istqarrijiet tieghu li ta lill-pulizija – ara a folio 14 et seq) li, ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;
c. il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija waqt l-investigazzjoni;

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` Victor Sultana, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Victor Sultana hati skond l-imputazzjoni kif dedotta u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Victor Sultana bil-

kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` sentejn mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Victor Sultana fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------